3) F'sitwazzjoni fejn bidwi ma josservax ir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u l-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin fl-2007 u l-2008, iżda n-nuqqas ta' osservanza huwa ddeterminat/kkonstatat l-ewwel darba fl-2011, huwa r-Regolament tal-Kunsill Nru 1782/2003, moqri flimkien mar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 796/2004, li japplika fil-kalkolu tat-tnaqqis tal-għajnuna, jew huwa r-Regolament tal-Kunsill Nru 73/2009, moqri flimkien mar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1122/2009, li japplika?

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 269).

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004, tal-21 ta' April 2004, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll kif hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixi regoli komuni għal skemi ta' sostenn dirett taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' sostenn għall-bdiewa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 243).

([3]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009, tad-19 ta' Jannar 2009, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 30, 2009, p. 16).

([4]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009, ta' 30 ta' Novembru 2009, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid (ĠU L 316, 2009, p. 65).

---

## Appell ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2017 minn Holistic Innovation Institute, S.L.U. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fis-16 ta' Frar 2017 fil-Kawża T-706/14, Holistic Innovation Institute vs REA

**(Kawża C-241/17 P)**

(2017/C 221/18)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Appellanti:* Holistic Innovation Institute, S.L.U. (rappreżentant: J.J. Marín López, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA)

### Talbiet

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tas-16 ta' Frar 2017, Holistic Innovation Institute vs REA, T-706/14, EU:T:2017:89.

— tannulla d-deċiżjoni tad-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka tal-24 ta' Lulju 2014 [ARES(2014) 2461172], li biha ntemmu n-negozjati ma' Holistic Innovation Institute S.L.U. u ġiet miċħuda l-parteċipazzjoni tagħha fil-proġetti Ewropej Inachus u ZONeSEC.

— tordna li jingħata kumpens lil Holistic Innovation Institute S.L.U. skont it-termini spjegati fil-punt 177 tal-att ta' appell.

### Aggravji u argumenti prinċipali

1. Żball ta' liġi li jikkonsisti f'li s-sentenza appellata ssostni li r-REA kellha kompetenza, u ma qabżitx il-limiti tal-kompiti li kienu assenjati lilha fir-rigward tal-ġestjoni tas-Seba' Programm Qafas, sabiex tevalwa l-kapaċità ta' Holistic Innovation Institute u teskludiha min-negozjati fil-kuntest tal-proġetti Inachus u ZONeSEC (punt 39 tas-sentenza appellata).

2. Żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-ewwel paragrafu tat-Taqsima 2.2.2, tal-Anness tad-Deċiżjoni 2012/838 fis-sens li tippermetti lir-REA tiċħad lil Holistic Innovation Institute milli tipparteċipa fin-negozjati fil-kuntest tal-proġetti Inachus u ZONeSEC (punt 126 tas-sentenza appellata).

3. Żball ta’ liġi li jikkonsisti f’li s-sentenza appellata kkunsidrat li d-deċiżjoni kkontestata hija motivata (punt 67 tas-sentenza appellata) għalkemm id-deċiżjoni kkontestata tirreferi bħala parti integrali mill-motivazzjoni tagħha, minn naħa, għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta’ Marzu 2014 [ARES (2014) 710158], li permezz tagħha teskludi l-parteċipazzjoni tal-appellanti mill-proġett eDIGIREGION (punti 57 u 60 sa 62 tas-sentenza appellata) u, min-naħa l-oħra, għar-rapporti finali tal-verifiki 11-INFS-025 u 11-BA119-016 (punti 63 u 64 tas-sentenza appellata), kif ukoll għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta’ Marzu 2014 [ARES (2014) 710158], iktar ’il fuq, peress li r-rapporti finali tal-verifiki 1-INFS-025 u 11-BA119-016 kienu suġġetti għal rikors ta’ annullament.

4. Żball ta’ liġi li jikkonsisti f’li s-sentenza appellata żnaturat l-evalwazzjoni tal-provi prodotti billi ddikjarat li r-REA talbet lir-rikorrenti “f’diversi okkażjonijiet” informazzjoni speċifika (punt 75 tas-sentenza appellata) li “tenniet it-talba tagħha” permezz tal-ittra tal-14 ta’ Mejju 2014 (punt 78 tas-sentenza appellata) u li ġew “skambjati diversi ittri bejn ir-REA u r-rikorrenti” (punt 118 tas-sentenza appellata).

5. Żball ta’ liġi li jikkonsisti f’li s-sentenza appellata żnaturat l-evalwazzjoni tal-provi prodotti, meta rreferiet, fil-punti 8, 77 u 78, għal dokument ineżistenti li ma jinsabx fil-proċess.

6. Żball ta’ liġi li jikkonsisti f’li s-sentenza appellata qieset fondata d-deċiżjoni kkontestata (punti 80, 84, 94, 108 u 127 tas-sentenza appellata) li d-deċiżjoni kkontestata tikser it-Taqsima 2.2.2 tal-Anness għad-Deċiżjoni 2012/838 meta ma mxietx mal-evalwazzjoni pożittiva tal-evalwaturi esterni indipendenti dwar il-kapaċità operattiva tal-appellanti mingħajr “argumenti solidi u fondati”.

7. Żball ta’ liġi li jikkonsisti fin-nuqqas ta’ motivazzjoni tas-sentenza appellata meta ddikjarat li “r-rikorrenti ma pprovdiet ebda informazzjoni li tinvalida r-raġunament tagħha [REA]” (punt 58 tas-sentenza appellata) u li l-ittra tagħha tat-2 ta’ Ġunju 2014, prodotta bħala Anness A26 tat-talba, “kienet tirriproduċi parti mill-informazzjoni li kienet tinsab fid-dokument ta’ spjegazzjoni msemmi fil-paragrafu 8 iktar ’il fuq, mingħajr madankollu ma tipprovdi l-informazzjoni speċifika mitluba mir-REA, imsemmija fil-paragrafi 7, 9 u 10 iktar ’il fuq” (punt 78 tas-sentenza appellata).

8. Żball ta’ liġi li jikkonsisti f’li s-sentenza appellata tikkunsidra li l-kalendarju previst fil-mandati tan-negozjati kien jikkontempla t-tlestija tan-negozjati “b’mod indikattiv” (punt 130 tas-sentenza appellata).

9. Żball ta’ liġi li jikkonsisti f’li s-sentenza appellata tqis b’mod inkorrett li ma għandu jingħata la l-kumpens għad-dannu materjali u lanqas dak morali kkawżat mill-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata (punti 147, 148 u 150 tas-sentenza appellata).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supreme Court (l-Irlanda) fit-12 ta’ Mejju 2017 – Ryanair Ltd vs The Revenue Commissioners

**(Kawża C-249/17)**

(2017/C 221/19)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

Supreme Court

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Ryanair Ltd

*Konvenuti:* The Revenue Commissioners